**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 297/2014 NHV

Numru fuq il-Lista: 11

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

**Bridge Richard John– K.I. 60139(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' April 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija, erbgħa u tletin ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€634.38c), rappreżentanti ammont in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement Home Pack* 33 bil-kont numru *A/C 40157319* mogħti mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Sema' lil Simone Wightman rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi, għadu dovut u ma tħallasx, lanqas *in parte*.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' sitt mija, erbgħa u tletin ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€634.38c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-30 t'Ottubru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 2558/2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur